Pjan Pastorali Parrokkjali - Kalkara 2007 / 8

# *Kunu Ħbieb ta' l-Evanġelju*

A. **Il-Kelma ta' Alla**.

*Biex il-Kelma ta' Alla tiġri il-ġirja tagħha u tkun milqugħa bil-ġieħ. (2 Tess 3,1)*

Bħala motto nispiraw ruħna mis-sentenza ta' San Ġorġ Preca: **Kunu Ħbieb ta' l-Evanġelju**. Matul din is-sena infittxu li nsiru ħbieb tal-Kelma ta' Alla u din hi stedina lil kull membru tal-Parroċċa.

- Il-Bibbja titqiegħed f'post prominenti fuq il-presbiterju bil-blandun ħdejha u tibqa' hemm matul is-sena bħala stedina biex inqiegħdu il-Kelma ta' Alla fiċ-Ċentru ta' ħajjitna.

**B. Evanġelizazzjoni:**

- Jiġi ffurmat grupp ta' nies minn gruppi differenti li f'kollaborazzjoni mal-KIS jevanġelizzaw areas differenti tal-parroċċa. Matul is-sena isiru jumejn ta' evanġelizzazjoni f'dawn l-areas: Jannar: L-inħawi ta' Triq il-Konvoj ta' Santa Marija; Frar: L-inħawi ta' Triq Santa Liberata; Għall-ħabta tal-Festa: L-inħawi tas-Salvatur. Fir-Randan isiru talks f'xi bar. Tiġi organizzata quddiesa għall-gruppi tal-futbol.

C. **Ambjenti ta' Evanġelizazzjoni**:

1. <u>**Knisja**</u>

- Impenn ikbar mill-letturi - sew f'dik li hi formazzjoni, anki fil-mod kif tixxandar il-Kelma ta' Alla. Issir laqgħa ta' formazzjoni u evalwazzjoni f'Ġunju.
- Ħsieb kuljum fil-quddies mis-saċerdot
- Mument tas-skiet wara l-omelija.

- Ċelebrazzjonijiet tal-Kelma ta' Alla / Liturġija tas-Sieghat f'mumenti differenti tas-sena.

2. <u>Familji</u>

- Isiru artikli fuq it-talb fil-familja fuq il-paċni tal-parroċċa tar-rivista Flimkien.
- Żjajjar tal-Kappillan lill-familji (Preċett f'Ġunju, Griżma f'Ottubru u Novembr, Adoloxxenti f'Jannar)
- Jiġu msaħħa il-Grufan u Kummissjoni Parrokkjali Familja

3. <u>Tfal</u>

- Lezzjonijiet tad-Duttrina
- Quizzes fuq il-Kelma ta' Alla
- Tkompli l-quddiesa għat-tfal nhar ta' Erbgħa u l-Liturġija għalihom nhar ta' Ħadd.

<u>4.Adoloxxenti</u>

- Jitkompla il-Grupp għat-tfajliet
- Isiru power points fuq il-Kelma ta' Alla fil-liturġija
- L-abbatini l-kbar isirulhom ġranet ta' ġabra u riflessjoni u laqgħat ta' talb (Il-ġranet ta' Live-In isiru skond l-eta' f'Awwissu u Settembru).

4. <u>Żgħażagħ</u>

- Jitwaqqaf grupp ta' żgħazagħ
- Eżerċizzi Randan
- Quddiesa għaż-żgħażagħ

5. <u>Adulti</u>

- Eżerċizzi Randan
- Okkażżjonijiet ta' laqgħat u sharing - b'mod speċjali fil-grupp tal-Kelma

6. <u>Għarajjes</u>

- Flok żewġ laqħat ta' formazzjoni issirilhom offerta ta' ħames laqgħat mifruxin matul is-sena li minnhom mistennija jattendu ħamsa imma mħeġġa jattendu kollha.
- Fix-xhur ta' qabel iż-żwieġ issir laqgħa personali tal-koppja mal-Kappillan.

7. <u>Familji Irregolari</u>

- Jiġu mħeġġa jieħdu sehem fl-attivitajiet kollha ta' formazzjoni fil-parroċċa b'mod speċjali il-Grupp tal-Kelma
- Jiġu mħeġġa jattendu quddies il-Ħadd
- Jiġu mħeġġa jieħdu sehem fil-ħidma ta' Djakonija tal-parroċċa.
- Jiġu mħeġġa jagħtu edukazzjoni nisranija lill-uliedhom.

8. <u>Gruppi u Għaqdiet</u>

- Isir sforz biex il-gruppi jilqgħu iżjed lil xulxin. Fil-ġranet ta' wara il-Milied issir reception għall-dawk kollha involuti f'għaqdiet fil-parroċċa biex il-membri isiru jafu lil xulin.
- Matul is-sena isiru 4 laqgħat għall-membri ta' għaqdiet u kummissjonijiet fil-parroċċa dwar xi jfisser taħdem fil-Knisja.
- Mhux se jkun tollerat li gruppi jeskludu lil xulxin.
- Dawk il-gruppi li m'għandhomx mixja ta' formazzjoni spiritwali tagħhom, il-Kappillan jiltaqa' magħhom regolarment biex jgħinhom jikbru fl-għarfien tal-Kelma ta' Alla.
- Jiġi kkonsidrat li fil-parroċċa terġa tibda il-Mixja Neokatekumenali.

9. <u>Skola</u>

- Titkompla il-quddies ta' darba f'xahar
- Isiriu visti regolari mill-Kappillan
- Isiru l-eżerċizzi tar-Randan

10. <u>Karita'</u>

- Jitkabbar l-ispirtu ta' karita' fil-parroċċa
- Tingħata għajnuna lill-istituzzjonijiet djoċesani (Dar tal-Providenza etc.)
- Dar il-Wens li qiegħda fil-parroċċa tagħna tingħata rwol ikbar fil-ħajja tal-parroċċa u fil-jiem tal-festa ssir quddiesa ħdejn id-Dar.
- Inħawlu l-ispirtu missjunarju b'mod speċjali ma' l-Albanija (fejn hemm Lawrence Cachia SDC), mal-Pakistan (fejn hemm Sr. J. Borg FMM) u mal-Peru' (fejn hemm P. Victor Livori MSSP)

11. **Ewkaristija**

- Inħeġġu n-nies biex jattendu quddies kuljum u jieħdu sehem fl-adorazzjoni ta' nhar ta' Ġimgħa.

12. **Marija u San Ġużepp**

- Inħeġġu lin-nies biex fid-Dar iżommu xbieha tal-Madonna bil-Bibbja miftuħa ħdejha.
- Fl-Erbgħat ta' San Ġużepp issir kampanja favur il-Qari tal-Kelma ta' Alla fuq l-eżempju ta' San Ġużepp li dejjem mexa' fuq il-Kelma li tah Alla.

13. **Għajnuna Spiritwali**

- Il-morda tal-parroċċa jiġu mħeġġa joffru t-tbatija tagħhom għat-twettiq ta' dan il-pjan.
- Jibda kuntatt mal-Monasteri ta' Santa Skolastika il-Birgu u Sant'Ursola il-Belt biex isostnuna bit-talb tagħhom.

14. **Xandir tal-Kelma**

- Se jitkompla il-programm fuq Radju Kottoner mill-Unita' Pastorali.
- Tiġi organizzata il-website tal-parroċċa.